MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Numru 370/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**GRAZIO SIVE HORACE ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Grazio sive Horace Zammit 32 sena bin Angelo u Antonia nee' Lia mwieled fil-Pieta' fit-13 ta' Settembru, 1972 u li joqghod fil-fond 43 Triq Lyre Zabbar. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 403872(m).

Billi gie akkuzat talli:

Fit-22 ta' Mejju, 2004 fi Triq La Sengle M'Scala kkommetta serq ta' stereo tal-marka 'Pioneer' minn

vettura tal-ghamla Skoda-Octavia bin-numru tar-registrazzjoni KCZ151 ghad-dannu ta’ Nicola Zammit minn M’Scala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Nicola Zammit, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CM2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-6 ta’ April, 2009, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri iddikjara li aktar kmieni dakinhar filghodu gie nfurmat minn Dr Angelo Farrugia li l-imputat kien ser jirregistra ammissjoni fuq xi akkuzi migjuba kontra tieghu. Konsegwentement l-istess

Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq ikkwalifikat u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Grazio sive Horace Zammit.

Innutat li fl-istess Seduta tas-6 ta' April, 2009 l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat ukoll li fil-Verbal fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri u Dr Angelo Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat jinsab fi stadju avvanzat li jispicca l-kors residenzjali tieghu kontra l-abbuz mid-droga.

Semghat trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b),(c),(f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 325(b), 17, 31, 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Grazio sive Horace Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza liema tielet akkuza tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz

inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri u Dr Angelo Farrugia ghall-imputat iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat jinsab fi stadju avvanzat li jispicca l-kors residenzjali tieghu kontra l-abbuz mid-droga tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputat Grazio sive Horace Zammit taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputat Grazio sive Horace Zammit jkollu l-assistenza necessarja kontra l-abbuz mid-droga.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Grazio sive Horace Zammit li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tas-6 ta’ April, 2009 rigward din it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Grazio sive Horace Zammit.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat Grazio asive Horace Zammit sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tlett mija u tmienja u sittin Euro u erba’ centezmi ta’ Euro (Euro 368.04) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-espert Joseph Mallia f’din il-kawza.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Senteza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-

Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Grazio sive Horace Zammit.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Grazio sive Horace Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------